**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 17 ta' Frar, 2022**

**Talba Nru: 211/2021MD**

**Deloitte Services Limited (C 51320)**

**Vs**

**Horus Europe Holdings Limited (C 72203)**

## It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 ta' Lulju, 2021[1] permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi dikjarata debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn u hamsa u sittin Ewro (€2,065), jillikwida l-ammont pretiz, jew somma verjuri li ghandha tigi dikjarata minn dan l-Onorabbli Tribunal, jekk ikun hemm il-bzonn bl-opera ta' periti nominandi, u jordna u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici dik is-somma hekk likwidata; bl-imghax skond l-artikolu 26C tal-Kodici tal-Kummerc, u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment mal-prezenti, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta giet ingunta in subizzjoni.

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tas-27 ta’ Jannar, 2022 u lanqas ghas-seduta tal-lum.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tas-27 ta’ Jannar, 2022[2] u fil-fatt is-socjeta’ konvenuta ma dehritx sabiex tirrispondi ghalih.

Ra l-verbal tas-27 ta’ Jannar, 2022, fejn ir-rapprezentant legali tas-socjeta’ attrici ikkonferma illi l-ammont ghadu dovut.

Ra l-*invoice* ipprezentata mar-rikors promotur datata 10 ta’ Jannar, 2018[3].

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirrizulta kkonfermata wkoll mir-rapprezentant legali tas-socjeta’ attrici u l-*invoice* prezentata li tindika l-bilanc dovut ghal servizzi rezi mis-socjeta’ attrici lil dik konvenuta fuq ordni tas-socjeta’ konvenuta stess.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talba attrici u kwindi jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta’ elfejn u hamsa u sittin Ewro (€2,065) rapprezentanti prezz ta’ servizzi rezi mis-socjeta’ attrici lil dik konvenuta fuq ordni tas-socjeta’ konvenuta, bl-imghaxijiet legali mil-10 ta’ Jannar, 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, inkluz l-ispejjez tal-pubblikazzjonijiet li saru fil-gazzetti[4] u l-ispejjez tal-mandat ta’ sekwestru jithallsu unikament mis-socjeta’ konvenuta.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**
**Gudikatur**

---

[2] *A fol* 35 tal-process.
[3] *A fol* 4 tal-process.
[4] *A fol* 33 *et seq* tal-process.